**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**

**AVVIŻI** **7 TA' MEJJU 2017**

## Relikwa ta' San Ġorġ Preca

Illum s-Sibt 6 u għada l-Ħadd 7 ta' Mejju 2017 ser ikollna fostna r-relikwa ta' San Ġorġ Preca. Ilejla, fl-4:00pm ir-relikwa tasal il-Museum tal-Bniet għall-mument ta' talb flimkien fejn ser nitolbu għall-ħutna l-morda bis-sehem tal-Hospice Moviment. Fil-5:00pm ir-relikwa tasal il-Knisja Parrokkjali fejn tkun fostna l-kumplament tas-Sibt u l-Ħadd.

## Tberik tal-Familji

It-tberik tal-familji hija okkażżjoni sabiħa fejn is-saċerdot jitlob flimkien mal-membri tal-familja għall-barka u għall-paċi ta' Kristu Rxoxt. It-tberik jibda fl-4:30pm.

**It-Tnejn 8 ta' Mejju 2017**

Triq Lampuka u Triq il-Qawsalla

**L-Erbgħa 10 ta' Mejju 2017**

Triq il-Maħsel u Triq il-Qaliet (minn Villa Sant' Anna sal-Bajja ta' San Tumas)

**Il-Ġimgħa 12 ta' Mejju 2017**

Triq Torri Mamo, Triq id-Daħla ta' San Tumas u Triq ir-Rummien

## Festa tal-Madonna ta' Pompei

It-Tnejn 8 ta' Mejju 2017 hija l-festa tal-Madonna ta' Pompei. Wara l-quddiesa tas-7.00am nitolbu flimkien it-talba tar-Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija u tingħad is-Supplika tal-Madonna.

## Grupp Anzjani tal-Ispiritwalità

It-Tnejn 8 ta' Mejju 2016 il-Grupp Anzjani tal-Ispiritwalità ser janimaw il-quddiesa tas-6:30pm li fiha ser iġeddu l-konsagrazzjoni tal-grupp lill-Qalb ta' Marija.

**Festa ta' San Ġorġ Preca**

**It-Tlieta 9 ta' Mejju hija l-festa ta' San Ġorġ Preca. Hija ġurnata fejn irroddu ħajr lil Alla għal dak kollu li għamel mal-gzira tagħna permezz ta' dan is-saċerdot Malti. Jalla tkun ġurnata fejn napprezzaw il-Kelma ta' Alla, il-katekiżmu tal-Knisja u l-ġid li jagħmlu fostna l-membri tal-Mużew u tant katekisti li qed jagħtu ħajjithom għax-xandir tal-Kelma ta' Alla.**

It-Tlieta 9 ta' Mejju 2017 fis-6:00pm niltaqgħu l-Museum tas-Subien u nimxu flimkien lejn il-Knisja Parrokkjali għall-Quddiesa tas-6:30pm. Qed nistiednu lit-tfal flimkien mal-familja tagħhom biex nattendu u wara l-quddiesa ser nagħtu ġelat lit-tfal kollha fuq iz-zuntier. It-tfal li s-soltu jużaw it-trasport għad-duttrina ser ikollhom trasport u wara jwassalhom lura.

**Bazaar u bejgħ ta' pjanti**

Min-nhar il-Ħamis 11 ta' Mejju 2017 fis-Sala San Ġwakkin jiftaħ il-Bazaar tal-Parroċċa li fih ser issir ukoll bejgħ ta' pjanti. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.

***Eurovision Night Buffet Dinner***

Is-Sibt 13 ta' Mejju 2017 mit-8:00pm 'il quddiem ser issir ikla *buffet* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mis-Sagristija. Inħeġġukom sabiex nattendu.

**Quddiesa animata mit-tfal fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm**

Il-Ħadd 14 ta' Mejju 2017 fil-quddiesa tad-9:15am ser niċċelebraw Jum l-Omm. Qed nistiednu lit-tfal iġibu magħhom fjura biex inpoġġuha f'riġlejn ix-xbieha ta' Marija. F'din il-quddiesa jsir ukoll l-inkurunazzjoni tal-Madonna mit-tfal u nistiednu wkoll 'l ommijiet biex iġibu bukkett fjuri lill-Madonna.

**Għaqda Mużikali Sant'Anna Wied il-Għajn**

L-Erbgħa 7 ta' Ġunju 2017 l-Għaqda Mużikali Sant'Anna qed torganizza ġurnata Sqallija. Biljetti mill-Kumitat tal-Banda.